MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 154/2010

**Leone Cuschieri detentur tal-karta tal-identita numerata 136875M u martu Alice Cuschieri detentrici tal-karta tal-identita numerata 153576M**

**vs**

**Simon Spiteri detentur tal-karta tal-identita numerata 470763M u martu Rita Spiteri detentrici tal-karta tal-identita numerata 526565M**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-appartament numerat tnejn (2) li jinsab f'Kurunell Court, Blokk A, Triq Dun Anton Tabone, San Giljan;

2. Illi in forza tal-ftehim datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008),

anness u mmarkat bhala Dokument A, ir-rikorrenti krew l-im esmi appartament lill-intimati ghall-perjodu ta' sentejn, sena di fermo u sena di rispetto;

3. Illi l-intimati ilhom ma jhallsu l-kera dovuta minnhom ammontanti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) fi-xahar mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru ta' sena elfejn u disgha (2009) sad-data tar-rikors odjern;

4. Illi r-rikorrenti gharrfu permezz ta' ittra ufficjali lill-intimati illi l-ftehim ta' kera kien ghalhekk gie rexxiss ai terminit al-klawsola sittax (16) tal-istess ftehim u talbuhom jizgumbraw minn dan il-fond u jhallsu dak dovut minnhom izda inutilment, u ghalhekk kellha isir din il-kawza;

5. Illi wkoll sat tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2010 l-intimati akkumulaw kontijiet dwar servizz ta' dawl u ilma mhux mhallsa fis-somma ta' elf u disgha Euro u sebgha u hamsin centezmu, u kif ukoll ghandhom ihallsu lir-rikorrenti somon ulterjuri ta' €2329.37 fix-xahar ghal-okkupazzjoni taghhom ta' dan il-fond mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data li fiha l-intimati jizgumbraw minn dan il-fond;

6. Illi safejn jafu r-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet/difiza x'jaghtu kontra din it-talba u ghaldaqstant il-Bord qed jigi mitlub sabiex jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi l-Bord li Jirregola l-Kera m'ghandux;

1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna ghar-ragunijiet fuq premessi lill-intimati sabiex jivvakaw mill-appartament numerat tnejn (2) li jinsab f'Kurunell Court Blokk A, Triq Dun Anton Tabone San Giljan u jipprefiggi zmien qsir u perentorju li fih l-intimati ghandhom jizgumbraw mill-istess appartament, u jnehhu dak kollu li huwa hwejjighom u jikkonsenjaw il-pussess battal ta' l-istess fond lir-rikorrenti, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess ta' dan il-fond;

3. Jiddikjara illi l-intimati ghandhom solidament ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf u disgha Euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,009.57) rapprezentanti l-konsum ta' servizzi kif fuq spjegat, u dana sad-data tat-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2010 b'rizerva ghall-ammonti ulterjuri dovuti, u s-somma ta' €2.329.37 fix-xahar ghall-okkupazzjoni mill-intimati ta' dan il-fond mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data li fiha l-intimati jizgumbraw minn dan il-fond;

4. Jikkundanna lill-intimati sabiex solidament ihallsu dawn is-somom lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati solidament bejniethom li huma minn iss ingunti in subizzjoni;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimati, debitament notifikati, naqsu milli jidhru kif ukoll milli jressqu objezzjonijiet ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Illi wara li semgha lir-rikorrent Leone Cuschieri jikkonferma l-kontenut tar-rikors promutur bil-gurament kif ukoll illi minn meta intavola r-rikors promutur ma kien hemm l-ebda kambjament jew xi promessa da parti tal-intimati biex jottemperaw ruhhom;

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat tar-rikorrenti u d-dokumenti hemm akkluzi;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess battal tal-appartament numerat tnejn (2) li jinsab f'Kurunell Court Blokk A, Triq Dun Anton Tabone San Giljan minghand l-intimati fi zmien tletin (30) jum;

Jikkundanna lill-intimati solidament ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf u disgha Euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,009.57) rapprezentanti l-konsum ta' servizzi kif fuq spjegat, u dana sad-data tat-tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru 2010 b'rizerva ghall-ammonti ulterjuri dovuti, u s-somma ta' €2.329.37 fix-xahar ghall-okkupazzjoni mill-intimati ta' dan il-fond mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data li fiha l-intimati jizgumbraw minn dan il-fond;

Bl-ispejjez kontra l-intimati solidalment komprizi dawk indikati fir-rikors promutur;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------